## GRAJJIET, DRAWWIET, TIFKIRIET

# IL-5 TA' MEJJU

**Illum il-5 ta' Mejju. Din id-data tfakkarni meta, fi ċkuniti, fil-Liċeo, konna nitgħallmu bl-amment il-poeżija imsejħa "Il Cinque Maggio", poeżija li l-kittieb magħruf taljan Alessandro Manzoni kiteb wara l-mewt ta' Napuljun, li ġrat fil-jum imsemmi tas-sena 1821.**

**Il-poeżija tibda hekk: "Ei fu". L-iqsar sentenza li tista' tingħata: żewġ kelmiet biss, erba' ittri kollox. Iżda bihom l-awtur wera żewġ ħwejjeġ: l-ewwel li Napuljun eżista u ħadd ma seta' jiddubita minnu mħabba fil-kobor tiegħu; it-tieni, li l-kbarat tad-dinja jintemmu f'qasir żmien u xejn ma jibqa' minnhom ħlie biss il-fama.**

### *Qlibtha għall-malti*

Darba fettilli nipprova naqleb dik il-għanja għall-malti u ħarġu dawn il-versi: "Hu kien! Bħalma ċass jibqa'/Ġisem minn ruħ hekk kbira/Miftum wara l-mewt tiegħu,/Hekk ċassa d-dinja waqfet/Miblugħa fiha nnfisha,/Kif semgħet dak l-aħbar". Qed nibża li, jew il-Manzoni jew Dun Karm Psaila, se jqumu minn qabarhom biex jagħtuni xi xebgħa frosta!

Il-Manzoni jissokta juri li hu kien jammira l-kobor ta' Napuljun, iżda qatt ma kiteb fuqu, la biex ifaħħru, biex ma jidhirx li ried jinċensaħ, u l-anqas biex imaqdru, biex ma jidherx segwaċi ġifa ta' dawk li kienu jmaqdruh. Iżda mal-mewt tiegħu, ma felaħx iżomm aktar u kiteb: "U leħni ħall din l-għanja,/li forsi ma tmut qatt".

Huwa semma l-għemil u r-rebħiet tiegħu, mingħajr ma ta' ġudizzju dwarhom: "Jekk kinetx vera glorja,/Għal dawk ta' wrajja nħalli". U tabilħaqq, ħadd ma jista' jiċħad id-dehen militari u r-rieda qawwija ta' Bonaparti li minn suldat laħaq l-aqwa Ġeneral u beżża' lid-dinja kollha; iżda, min-naħa l-oħra, kulħadd jaf bir-regħba li kellu għas-setgħa u bl-inġustizzji tiegħu biex jikseb il-ħakma tad-dinja. Manzoni fil-kobor ta' Napuljun jara xbiha tal-kobor bla qies t'Alla, u fil-mewt tiegħu fi ħdan il-Knisja li fiha twieled (u mhux fid-disperazzjoni), jara rebħa kbira għall-Fidi ta' Kristu: "Fidi bla tmiem, sabieħa,/Għar-rebħ kbir imdorrija".

## *Minn Mons. Prof. Arturo Bonnici*

### *Malta u Franza*

Wara din id-daħla dwar Napuljun, ejja issa ngħaddu għal dak li għandu x'jaqsam ma' Malta. Ġa, żmien ilu, kont kellimtkom fuq id-daħla tiegħu f'Malta u l-leġislazzjoni li għadda ma' tul il-qagħda tiegħu fi gżiritna. Illum, se nitkellem magħkom dwar it-tħejjijiet tiegħu għal ħakma ta' Malta.

Il-fama tal-Ġeneral Napuljun, ir-rebħiet tiegħu fl-Italja u t-tixrid ta' idejiet repubblikani, fl-1797 kienu ġa bdew jinfluwenzaw il-politika ta' Malta. Il-Partit Repubblikan beda jikber fil-għadd u jissaħħaħ fil-qawwa. Wieħed mill-aqwa Repubblikani maltin kienu Ċensu Barbara.

Dan mar isib lil Napuljun f'Milan u għarrfu dwar is-sitwazzjoni nċerta ta' Malta, kif xi Kavallieri kienu kontra l-Gvern tal-Ordni u li xi Maltin xtaqu li Franza tindaħal fil-politika ta' gżirithom. Bonaparti ma stmellx dik l-idea. Kiteb lid-Direttorju Esekutiv, li f'idejh kienet il-ħakma ta' Franza, u qallhom li Malta hi ta' mportanza kbira għal pajjiżhom. Il-Granmastru De Rohan kien qed imut u aktarx li floku kien se jilħaq wieħed Ġermaniż. Għaliex mela l-flotta franċiża jew dik Spanjola ma jersqux lejn il-gżira u jaħtfuha huma, li kienu alleati, qabel ma jagħti l-każ li r-Re ta' Napli jeħodha hu taħt idejh? "Il-gżira ċkejkna hija mprezzabbli għalina".

### *Jew bis-sewwa, jew bid-dnewwa*

Dak li kiteb Napuljun seħħ. De Rohan miet fit-13 ta' Lulju 1797 u leħaq floku Granmastru Fra Ferdinandu Hompesch, ġermaniż. Kif tela fuq it-tron, dan kiteb lill-gvern franċiż, assigurah u wegħdu attakkament u rispett lejn in-Nazzjon Franċiża; wera wkoll it-tama li l-gvern franċiż jittratta lill-Gvern tal-Ordni bil-ħaqq u l-lealta'.

Iżda Hompesch ma damx ma sar jaf bil-ħsieb tal-gvern franċiż, li xtaq jieħu f'idejh Malta, għaliex id-Direttorju Franċiż ipproponielu li l-Ordni jibdel Malta ma' xi gżira oħra fil-Mediterran. U wera l-ħsieb li, jekk dan ma jsirx, il-franċiżi kien ikunu kostretti jeħduha bid-dnewwa, għaliex il-gżira kienet meħtieġa għal għan tagħhom ta' kolonizzazzjoni.

Il-ħakma ta' Malta tħarset bħala l-ewwel pass għall-qabda tal-Eġittu. Għalhekk l-ewwel għan kien jissejjaħ l - "ispedizzjoni ż-żgħira", l-għan l-ieħor kien jissejjaħ l-"ispedizzjoni l-kbira". L-ispedizzjoni ż-żgħira infdat f'idejn l-Ammirall Brueys. Dan l-Ammirall kien jaf sewwa lil gżiritna, għaliex kien ġa ġie u qagħad Malta xi ħmistax-il darba. Bħas-soltu għal din il-gwerra instabet l-iskuża: il-biża' li l-għażla ta' Granmastru ġermaniż setgħet tagħti l-opportunita' li taħtaf il-gżira lill-Awstrija, li xtaqet issir potenza marittima fil-Mediterran, u kienet ġa talbet xi xtut fl-Italja, għax hekk kien jaqblilha militarment u kummerċjalment. Napuljun ta daqq' oħra fuq iċ-ċirku u żied igħid li, jekk il-franċiżi ma jfittxux jeħdu Malta, l-ingliżi jeħ-

*(Ikompli fil-paġna 4)*

# IL-5 TA' MEJJU

*(Jaqbad mill-paġna 3*

duha qabilhom.

Għalhekk, fis-27 ta' Settembru 1797, id-Direttorju tah is-setgħa sħiħa biex jieħu dak il-pass, wara li jkunu ġew imħejjija n-nies ta' Malta għal dik it-tibdila fil-Gvern, u għal kull tibdila oħra li setgħet issir.

## Is-sigrieti tal-gwerra

Fis-17 tax-xahar ta' wara, Franza għamlet Trattat ma' l - Awstrija f'Campoformio. Ewġenju minn Beauharnais, bin l-armla Ewġenja, mara ta' Napuljun, intbagħat biex jiftiehem ma' l-Ammirall Brueys dwar il-qbid ta' Malta. Il-laqgħa saret f'Korfu. Brueys bagħat żewġ frejgati b'missjoni speċjali f'Malta: fuq waħda minnhom kien hemm Ċensu Barbara li ġa semmejna. Wara l-insistenza tad-Direttorju, Napuljun bagħat lil Monsieur E. Poussielgue, Segretarju Ewlieni tal-Legazzjoni Franċiża f'Genova, taparsi biex jispezzjona u jirrapporta dwar il-portijiet tal-Lvant, iżda fil-fatt biex itemm l-arranġamenti għal proġett tal-qbid ta' Malta mill-franċiżi. Sar ukoll ftehim mal-Konslu Franċiż fil-gżira, Caruson biex jagħti tagħrif dwar kif jaħsbuha l-maltin dwar il-bidla tal-gvern, Sadattant deher fix-xena wkoll malti ieħor li ma nafux ismu, li tant kien imġennen fuq ir-Rivoluzzjoni franċiża li haila lil artu, lil daru, lil martu u lil uliedu biex mar jingaġġa mal - Forzi Rivoluzzjonarji Franċiżi.

Billi l-Ammirall Brueys ma kellux biex jipprovdi għal flotta f'Korfu, fejn kien, fl-24 ta' Frar 1798 huwa tella l-ankri u telaqha lejn Toulon (Franza). Fit-3 ta' Marzu wasal ħdejn Malta, li xtaq kieku jattakka. Ġieb skuża li waħda mill-frejgati tiegħu — il-frejgata venezjana "Frontin" kien jeħtiġilha tiswija mill-aktar fis għax kienet qegħda tagħmel l-ilma. Il-"Frontin" daħlet fil-port, iżda Brueys baqa' barra jistenna sakemm issewwiet. Imma huwa tant resaq lejn il-port biex jitkixxef, li, kif kiteb hu stess lil Napuljun, mingħajr kannukkjali huwa seta' jara "għadd bla qies ta' nies fuq is-swar u oħrajn jittawlu mit-twieqi tad-djar fuq il-port". Bil-waqfien tiegħu barra l-port u bl-ittri ta' ħbiberija li huwa bagħat sakemm baqa' jistenna, huwa neħħa kull suspett ta' ħebb minn moħħ il-Granmastru u fl-istess ħin b'hekk ħejja t-triq għal ħebb għall-għarrieda fil-każ li jkun hemm bżonn.

## Isibu l-fettuqa

Bonaparti u d-Direttorju fettxew xi fettuqa politika biex ma jidhrux koroh quddiem il-għajnejn tad-dinja. Din il-fettuqa malajr sabuha. Fl-1794 il-Gvern tal-Ordni ma kienx irrikonoxxa ir-Republika Franċiża u laqa' fi ħdanu l-għedewwa tagħha. Insew għal mument, għax hekk kien jaqblilhom, l-ittra li bagħtilhom Hompesch sena qabel fl-1797, li fiha mhux biss irrikonoxxa r-Republika, iżda wiegħed ukoll attakkament u rispett lejha. Ftakru f'dak ta' 4 snin qabel u nsew dak ta sena qabel. Għamlu bħal lupu li ried jiekol lill-ħaruf. Ġieb'u skuża li kien qed iħammiġlu l-ilma tax-xmara li minnu kien jixrob. "Jaħasra, ma nistax inħammiġulek, qallu l-ħaruf, għax l-ilma jgħaddi l-ewwel minn ħdejk, imbagħad minn ħdejja". "Insomma, jekk m'intix tħammġu int, qed iħammġu ħuk", u qatlu u kielu.

Monsieur Poussielgue li semmejna, bniedem politiku l-aktar fin, inzerta kellu hawn Malta wieħed jiġi minnu, bl-istess kunjom. Dan kien il-kavallier Poussielgue, li kien ukoll il-kaptan tal-port. Dan, fil-pożizzjoni tiegħu, seta' jagħti u ta tassew lil qaribu tagħrif l-aktar siewi għas-suċċess tal - ispedizzjoni ċ-ċkejkna.

Barra minn dan, Monsieur Poussielgue, ma' tul it-18-il jum li dam Malta (24 ta' Diċembru 1797 — 11 ta' Jannar 1798), biex jilħaq il-għan tiegħu fetaħ idejh għal kollox: għamel ħafna riċevimenti u ġie mistieden ukoll għal riċevimenti oħra ta' kbarat u saħansitra tan-nies tal-gvern tal-Ordni u seta' joħroġ minn Malta b'tagħrif sħiħ dwar il-gżira, kif turi ittra twila twila li hu bagħat lil Bonaparti fit-8 ta' Frar. Fiha wera li aħjar wieħed jieħu lil Malta bil-ftehim milli bil-forza u ssuġġerixxa (1) li Franza iġġiegħel lil Spanja tikkonfiska l-ġid ta' l-Ordni f'dik l-art, biex b'hekk toqtol lill-Ordni u dan ikollu jħalli Malta, jew (2) li ssir xi bidla tal-gżira ma' xi gżira oħra. Fil-każ li dan ma jirnexxiex, huwa ta xi tagħrif strateġiku kif il-gżira tista' tittieħed għall-għarrieda.

## Wasal Napuljun

Sadattant il-fondi għall-ispedizzjonijiet — il-kbira u ż-żgħira — bdew jinġabru f'Ruma u fl-Isvizzera, taparsi għall-ħebb tal-Portugall jew ta' l-Irlanda.

Fit-12 ta' April 1798, id-

*(Ikompli fil-paġna 6)*

**IL-5 TA' MEJJU**

*(Jaqbad mill-paġna 4)*

Direttorju ordna l-organizzazzjoni tal-"Eżerċtu tal-Lvant" taħt il-Kap-Kmandant, Napuljun Bonaparte. L-Ammirall Brueys kellu f'idejh il-Flotta Franċiża, li kella twassal dak l-eżerċtu, l-ewwel f'Malta, imbagħad fl-Eġittu, fejn, Brueys tilef ħajtu, fil-battalja tan-Nil.

Fid-9 ta' Ġunju, għall-ħabta tal-4 ta' wara nofs in-nhar, l-"Orient", il-frejgata li fuqha kien hemm Napuljun dehret lil hemm mix-xtut ta' Malta u warajha l-flotta ta' Brueys minn Toulons u dik ta' l-Ammirall Desaix minn Civita Vecchia (Italja), bl-ordni li ma nofs il-lejl jibdew jiżbarkaw is-suldati fuq xtajtiet diversi tal-gżira. Dak li ġara wara aktarx li kulħadd jafu. U għalhekk se nieqaf hawn. Saħħa u l-lejl (jew il-jum) it-tajjeb għal kulħadd!